MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 760/2013

**A.L.M. Enterprises Limited**
**C8473**

**vs**

**Tabone Justin**
**ID373859-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mitt ewro u centezmu (€900.01c), VAT inkluz, rapprezentanti din is-somma prezz dovut ghall-kiri ta’ vettura bejn l-1 ta’ Frar, 2013 u t-2 ta’ April, 2013. Minkejja illi gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan hekk dovut minnu, huwa baqa’ inadempjenti; ghaldaqstant kellha ssir din it-talba.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data illi tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mitt ewro u centezmu (€900.01c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------